MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 347/2013

**Hecnef Properties Limited**

**Vs**

**Stephen Koludrovic**

Permezz ta' rikors prezentat fil-11 ta' April 2013 ir-rikorrenti talbet li s-sentenza li nghatat fil-kawza **HECNEF Properties Limited vs Stephen Koludrovic** (895/2001) fl-20 ta' Marzu 2003 terga' tigi reza ezegwibbli peress li l-kuntratt ghadu ma giex ippubblikat. Ir-rikors gie kkonfermat bil-gurament minn Victor Fenech (ID 698355M), direttur tal-kumpannija attrici.

Mill-atti jirrizulta li l-intimat kien notifikat izda meta msejjah ma deherx u lanqas ma pprezenta twegiba.

Peress li ma saret l-ebda opposizzjoni ghat-talba, il-qorti tilqa' t-talba u *ai termini* tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 terga' tirrendi ezegwibbli s-sentenza fl-ismijiet **HECNEF Properties Limited vs Stephen Koludrovic** (895/2001). L-atti ghandu jigi ppubblikat **fid-29 ta' Lulju 2013 fid-9.30 a.m. fil-bini tal-qorti**.

Ir-rikorrenti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha gialadarba kellha kull l-opportunita' tiehu hsieb li l-ezekuzzjoni ssir qabel ghaddew ghaxar (10) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------